**6 ta' Frar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Joseph Borg et noe

*versus*

John Caruana et noe

**Interpretazzjoni — "Award' tal-Malta Arbitration Tribunal.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew illi l-Malta Arbitration Tribunal b'award li ta fil-ħdax (11) ta' Ġunju, 1959, li kopja legali tiegħu tinsab annessa markata Dokument "A", kif interpretat b'award ieħor tat-tletin (30) ta' Diċembru, 1959, li kopja legali tiegħu qegħda tiġi annessa ma' l-att ta' ċitazzjoni markata Dokument "B", iddeċieda illi fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsenja, dan il-clerk għandu jkun (a) wieħed li jiġi meħud mir-roster tal-General Workers' Union for Delivery Clerks (b) kull clerk ieħor li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, 1956, kien f'dan ix-xogħol bħala impjegat regolarment ma' l-Aġenti; u (c) kull clerk ieħor minn dawk il-membri li kienu fl-imsemmi Roster u mill-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, 1956, sal-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1959, ġew regolarment impjegati ma' l-aġenti; u peress illi d-ditta konvenuta hija wieħed mis-Shipping Agents marbuta bl-imsemmija Awards u bħala tali responsabbili għall-osservanza tal-ordnijiet kontenuti fihom kif jinsab espressament dikjarat fl-award tal-ħdax (11) ta' Ġunju, 1959, u peress illi f'diversi okkażjonijiet mill-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1959 — data li fiha beda jseħħ l-imsemmi award id-ditta konvenuta wżat bħala Delivery Clerk lil John Pace, li ma setax jiġi hekk użat minħa għat-termini tal-awards fuq imsemmija kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u peress li bħala konsegwenza ta' dan l-aġir tad-ditta konvenuta kuntrarju għall-awards fuq imsemmija l-atturi fil-kwalità tagħhom premessa sofrew danni — talbu (1) illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli lejn l-istess atturi nomine għad-danni minhom sofferti talli d-ditta konvenuta użat bħala Delivery Clerk persuna li ma setax tiġi hekk użata minnha għat-termini tal-imsemmija award (2) illi jiġu likwidati d-danni anke okkorrendo permezz ta' perit jew periti nominandi (3) il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilhom nomine dik issomma li tiġi likwidata bħala danni;

Rat in-nota tal-konvenut li biha eċċepixxa illi hu qatt ma uża lil John Pace bħala delivery clerk. John Pace huwa l-Head Clerk tad-ditta konvenuta, u dejjem ħadem magħha f'din il-

kwalità;

Omissis.

Tikkunsidra illi l-atturi qegħdin jippretendu illi l-konvenut ma osservax it-terminu tal-Award imsemmi fiċ-ċitazzjoni billi mpjega bħala Delivery Clerk persuna li ma setax jimpjega skond l-istess Award. Id-difiża tal-konvenuta hija illi huwa qabbad biss Head Delivery Clerk, u dan ma' jidħolx fit-terminu tal-imsemmi Award u għalhekk fil-waqt illi meta kellu bżonn Delivery Clerks huwa osserva dak li jippreskrivi l-imsemmi award, kuil meta qabbad Head Delivery Clerk biex jirċievi kunsenja ta' merkanzija seta' jqabbad lil min irid. Huwa ma jippretendiex illi l-persuna li qabbad ċioè John Pace hija waħda li hija koperta mill-award in kwistjoni, però dan jagħmel xogħol ta' Head Delivery Clerk, u dan isir mhux kapriċċjosament imma għaliex il-merkanzija illi jirċievi tkun tant żgħira illi ma jkollux bżonn ta' għajnuna barranija.

Għalhekk f'din il-kawża kollox jirriduċi ruħu għall-kwistjoni waħda li minnha naturalment jiddependi l-eżitu tat-tieni u t-tielet talba. Il-Qorti għaldaqshekk sejra tippronunzja ruħha fuq dan il-pont ċioè jekk il-konvenut mexiex kontra l-Award in kwistjoni meta fil-kunsenja uża biss il-Head Delivery Clerk;

Tikkunsidra illi l-parti dispositiva ta' dan l-Award tgħid hekk:—

(1) "Fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsenja, dan il-clerk għandu jkun:—" eċċ. eċċ.

Għalhekk il-qofol kollu huwa fuq il-kliem "fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsenja". Però biex wieħed jifhem sewwa dawn il-kliem għandu bil-fors jara l-premessi tal-istess award.

L-award kien jirrigwarda tliet claims u l-ewwel wieħed kien: "that all imported General and Bagged Cargo should be delivered by a Delivery Clerk from the General Workers' Union Roster for Delivery Clerks", u fl-espożizzjoni ta' dan il-claim l-employees fost lamenti oħra ssottomettew illi l-Head Delivery Clerks kienu jagħmlu xogħol ta' konsenja mhux biss meta l-konsenja hija żgħira jew tikkonsisti f'oġġett bħal tal-paragrafu 1 tal-Award fol. 5).

It-Tribunal tal-Arbitraġġ (fol. 3) wasal għall-konklużjoni illi l-ewwel claim, fl-ewwel parti tiegħu kellu jiġi respint u meta ta r-raġunijiet li fuqhom ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fost ħwejjeġ oħra qal: "It-talba timporta l-intervent obbligatorju ta' Delivery Clerks anki f'każi fejn ma ssirx konsenja u meta l-preżenza biss ta' Delivery Clerk hi superfluwa u ta' spiża inutili, u fejn mhux biss ma ssirx konsenja imma fejn ir- riċevitur lanqas ma jħallas landing charges, u kwindi d-delivery clerk ikollu jitħallas mill-aġent mingħajr ma dan xejn ma jkun daħħal għall-irtir tal-merkanzija u fejn (u dan huwa mportanti għall-każ) għalkemm hemm konsenja xi ssir, l-istess tkun tali li ma tirrikjedix li jkun hemm skrivani oħra barra mill-iskrivan ċioè l-Head Delivery Clerk, ġa nkarigat għal dan l-iskop mill-aġent biex joħodlu ħsieb il-konsenja intera, bħala meta l-konsenja hija żgħira jew tikkonsist f'oġġett bħal vejkolu li hu faċilment verifikabbli, f'liema każi l-Head Delivery Clerk ilaħħaq max-xogħol waħdu, u l-assoċjazzjoni miegħu ta' Delivery Clerk biex igħinu tkun għal kollox żejda, u għalhekk hu l-aġent li għandu jiddeċiedi meta u kemm għandu bżonn nies għal verifika, liema deċiżjoni naturalment m'għandix tkun kapriċċjuża, u lanqas tista' tkun tali mħabba l-liġi li tirregola l-konsenja." Imbagħad fl-ewwel paragrafi tar-raba' paġina semma l-konklużjonijiet li wasal għalihom ċioè "illi l-claim fl-ewwel parti tagħha, li l-cargo kollu importat jiġi konsenjat minn Delivery Clerks ma tistax tiġi aċċettata, billi mhux il-cargo kollu għandu bżonn ta' Delivery Clerk waqt il-konsenja".

Meta wieħed jgħaqqad dan kollu mal-parti dispositiva tal-award għandu jasal għall-konsegwenza illi m'hemmx obbligu illi jiġi dejjem użat Delivery Clerk waqt il-konsenja, però meta jiġi wżat Delivery Clerk allura għandu jkun wieħed li jaqa' f'waħda mit-tliet kategoriji msemmija taħt l-ittri (a) (b) (c) u dan huwa proprju dak li sostna l-konvenut a diskariku tiegħu;

L-atturi jridu jsostnu illi la darba ssir il-konsenja ma jagħmilx differenza jekk il-merkanzija tkunx żgħira jew kbira, u l-Head Delivery Clerk li jirċevi l-konsenja fil-fatt huwa Delivery Clerk u għalhekk għandu jkun wieħed minn dawk imsemmija fl-ittri (a) (b) u (c) tal-Award. L-Award però ma qalx illi kull meta jkun hemm konsenja għandu jiġi wżat Delivery Clerk, imma uża l-kliem "fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsenja";

Il-konvenut issodisfa l-Qorti illi juża biss Head Delivery Clerk f'ħafna ċirkostanzi mhux kapriċċosament imma appuntu għaliex il-merkanzija li jirċievi tkun tant żgħira illi ma tirrikjedix l-użu ta' Delivery Clerk, biili l-Head Delivery Clerk ilaħħaq mal-konsenja (fol. 44);

Għaldaqshekk tiddeċiedi illi l-konvenut ma mexiex kuntrarju għall-Award fuq imsemmi meta mpjega lil John Pace bħala Head Delivery Clerk fil-konsenja tal-merkanzija u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom, dawk tal-ammess in statu et terminis a kariku tiegħu.